MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2014

Numru. 197/2014

**Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**PAULINE BILOCCA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **PAULINE BILOCCA** ta' 36 sena bint William u Anne nee' Magri mwielda Pieta' fis-7 ta' Settembru 1974 u toqghod 71, Orchidea, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun jew 12, Anwill Triq is-Sewwieqa, Hamrun u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' numru 439374(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli fit-12 ta' Mejju 2011 u fil-granet ta' qabel fir-residenza 71, Orchidea, Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun (1) fethet b'ghemil doluz jew gieghlet li jinfetah xi oggett postali li kellu jigi kunsinnat, jew b'ghemil doluz ghamlet xi att li bih il-kunsinna dovuta ta' oggetti personali, ma hallietx issir jew tigi mdewwma milli ssir, jew ghamlet uzu minn informazzjoni li kisbet minn oggett postali li jkun gie hekk, miftuh.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom affidavit ta' PS 1314 R. Ambrogio, estratt mill-att tat-twelid tal-imputata, kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Lulju, 2014 u fedina penali.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 2 ta' Mejju, 2014 u dakinhar l-Ufficjal Prosekutur u l-imputata ma dehrux u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Gunju 2014.

Illi nhar is-6 ta' Gunju 2014 l-Ufficjal Prosekutur talab differiment sabiex jirregola ruhu u l-kawza giet differita ghall-4 ta' Lulju 2014.

Illi nhar l-4 ta' Lulju 2014 deher Dr Dean Hili ghall-parte civile u ddikjara li l-patrocinat tieghu Angelo Bilocca huwa mizzewweg lill-imputata ghalkemm illum huwa separat u ddikjara li ma jridx jixhed f'dawn il-proceduri u m'ghandu l-ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti rat illi Angelo Bilocca mhuwiex xhud kompellibbli stante parentela tal-imputata u ghalhekk qed tezentah milli jaghti x-xhieda tieghu.

In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li m'ghandux provi ohra in sostenn tal-akkuzi tieghu.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikolu 62(h) tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-**

**imputata PAULINE BILOCCA hatja tal-akkuza kif dedotta fil-konfront taghha u tilliberaha minn kull akkuza.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------